



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ottubru 2023
(OR. en)

14181/23

LIMITE

COMAR 40
JUR 620
COJUR 50
ENV 1118

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0353(NLE)

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2023) 580 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2023) 580 final.

Mehmuż: COM(2023) 580 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.10.2023
COM(2023) 580 final

2023/0353 (NLE)

PUBLIC

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

• Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-objettiv ta' din il-proposta huwa li l-Kummissjoni tikseb l-awtorizzazzjoni mill-Kunsill biex tikkonkludi l-Ftehim skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS) dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali ("il-Ftehim tal-BBNJ") f'isem l-Unjoni Ewropea (UE).

L-UE u l-Istati Membri tagħha ilhom mill-2004 involuti fi proċess internazzjonali fin-Nazzjonijiet Uniti (NU) biex jiżviluppaw dan il-Ftehim. Abbażi tad-Deċiżjonijiet tal-Kunsill rilevanti li jawtorizzaw il-ftuħ tan-negożjati f'isem l-UE¹, il-Kummissjoni kkonduċiet negożjati mill-2016 sal-2023 bil-ħsieb li tikkonkludi l-Ftehim BBNJ. It-test finali tal-Ftehim tal-BBNJ ġie adottat mill-Konferenza Intergovernattiva tal-BBNJ² fid-19 ta' Ġunju 2023. L-UE ffirmat il-Ftehim BBNJ fl-20 ta' Settembru 2023.

Il-Ftehim tal-BBNJ jindirizza l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali. Tali żoni jkopru kważi żewġ terzi tal-oċean tad-dinja u madwar 95 % tal-volum tiegħu, u jinkludu l-ibħra internazzjonali u ż-żona internazzjonali ta' qiegħ il-baħar. Il-Ftehim tal-BBNJ se jippermetti protezzjoni u ġestjoni aħjar tad-diversità bijoloġika marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali. Il-Ftehim ikopri partikolarment kwistjonijiet relatati mar-riżorsi ġenetiċi marini, inkluż kwistjonijiet dwar il-kondiviżjoni tal-benefiċċji, miżuri bħal għodod ta' ġestjoni abbażi taż-żona, inkluż żoni marini protetti, valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali, u l-bini tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija marina.

Il-Ftehim tal-BBNJ se jkun it-tielet ftehim ta' implimentazzjoni skont l-UNCLOS, li għalih l-UE u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet. Il-Ftehim se jaġġorna lill-UNCLOS bl-iżviluppi u bl-isfidi li seħħew inkwantu tal-bijodiversità marina sa mill-konklużjoni tal-Konvenzjoni fl-1982. Se jkompli jappoġġa wkoll il-kisba tal-Aġenda tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli tal-2030, partikolarment l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli Nru 14 ("Il-Ħajja Taħt l-Ilma"). Il-Ftehim tal-BBNJ se jgħin ukoll biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri stabbiliti taħt il-Qafas Globali tal-Bijodiversità (adottat taħt il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika), u partikolarment il-mira li jiġu żgurati konservazzjoni u ġestjoni effettivi ta' mill-inqas 30 % tal-artijiet, tal-ilmijiet interni, taż-żoni kostali u tal-oċeani tad-dinja sal-2030. Barra minn hekk, se jappoġġa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil Klimatiku (UNFCCC) u tal-Ftehim ta' Pariġi.

• Konsistenza mal-politiki eżistenti tal-Unjoni

Il-Kummissjoni żgurat li n-negożjati dwar it-test tal-Ftehim tal-BBNJ kienu integralment konsistenti mar-regoli u mal-politiki rilevanti tal-Unjoni Ewropea fl-oqsma li se jiġu koperti minnu (il-politika ambjentali, il-politika dwar it-trasport marittimu, is-sigurtà marittima, il-politika dwar l-enerġija, il-politika komuni tas-sajd, il-politika tas-suq intern, il-politika tar-

¹ Adottati mill-Kunsill fit-22 ta' Marzu 2016 u fid-19 ta' Marzu 2018.

² Il-Konferenza Intergovernattiva fuq strument internazzjonali legalment vinkolanti fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali.

riċerka u tal-iżvilupp teknoloġiku, il-politika dwar il-klima u politiki rilevanti oħra) u ma' ftehimiet bilaterali u multilaterali rilevanti li għalihom l-UE hija diġà Parti. Il-Ftehim tal-BBNJ jikkontribwixxi wkoll għall-Patt Ekoloġiku Ewropew u huwa prijorità taħt l-aġenda internazzjonali tal-UE dwar il-governanza tal-oċeani.

Billi l-Ftehim tal-BBNJ huwa ftehim ta' implimentazzjoni għall-UNCLOS u din il-Konvenzjoni diġà hija parti mill-*acquis* tal-UE, il-Kummissjoni żgurat ukoll li d-dispożizzjonijiet u l-bilanċ tad-drittijiet u l-obbligi minquxa fil-UNCLOS u riflessi fl-*acquis* tal-UE kienu rispettati u li l-eżitu tan-negożjati kien konsistenti mal-UNCLOS.

2. RIŻULTATI TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET INTERESSATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

Il-Kummissjoni ħadmet mill-qrib mal-Istati Membri matul in-negożjati. Saru wkoll konsultazzjonijiet regolari mal-partijiet ikkonċernati rilevanti, b'mod partikolari l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u organizzazzjonijiet oħra rrappreżentati fil-kuntest tan-Nazzjonijiet Uniti.

3. ELEMENTI ĠURIDIĊI TAL-PROPOSTA

• Bażi ġuridika

Il-proposta qed issir skont l-Artikolu 192(1), u l-Artikolu 218(6)(a) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Artikolu 218 tat-TFUE jistipula l-proċedura għan-negożjar u għall-konklużjoni ta' ftehimiet bejn l-Unjoni Ewropea u pajjiżi terzi jew organizzazzjonijiet internazzjonali. B'mod partikolari, il-paragrafu 6 jipprevedi li l-Kunsill, fuq proposta mill-Kummissjoni bħala negożjatur, jadotta, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, deċiżjoni li tawtorizza l-konklużjoni ta' ftehim f'isem l-UE.

F'konformità mal-Artikolu 191 u 192(1) tat-TFUE, l-UE hija meħtieġa tikkontribwixxi għall-ilħuq tal-oġġettivi li ġejjin: il-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u partikolarment għall-għieda kontra t-tibdil klimatiku.

Meta jitqiesu l-oġġettivi u d-dispożizzjonijiet sostantivi tal-Ftehim BBNJ kif ukoll il-politiki rilevanti kollha tal-UE, l-approċċ taċ-ċentru tal-gravità jindika li l-bażi ġuridika ambjentali hija l-aktar xierqa għall-konklużjoni tal-Ftehim BBNJ.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Il-Ftehim BBNJ joffri struttura istituzzjonali ddedikata. Dan jinkludi segretarjat, Korp Xjentifiku u Tekniku, Mekkaniżmu ta' Ċentru ta' Koordinament, kumitat għall-bini tal-kapaċitajiet u t-trasferiment tat-teknoloġija marittima u kumitat għall-aċċess u l-qsim tal-benefiċċji. Il-kost ta' dawn l-istituzzjonijiet se jinqasam bejn il-Partijiet kollha għall-Ftehim BBNJ, fuq skala tan-Nazzjonijiet Uniti.

Il-kostijiet istituzzjonali finanzjarji tal-implimentazzjoni tal-Ftehim tal-BBNJ għall-Unjoni Ewropea se jkunu magħrufa biss wara l-ewwel Konferenza tal-Partijiet, fejn jenħtieġ jintlaħaq qbil dwar baġit inizjali għall-Ftehim BBNJ.

Minbarra l-kostijiet istituzzjonali, l-implimentazzjoni tal-Ftehim BBNJ x'aktarx li tiġġenera bżonnijiet finanzjarji biex tinbena l-kapaċità fil-pajjiżi li qed jiżviluppaw u tgħin fit-trasferiment tat-teknoloġija marina, iżda wkoll, pereżempju, biex tiġġenera l-għarfien xjentifiku meħtieġ biex jiġu stabbiliti, immonitorjati u rieżaminati ż-żoni marini protetti. Il-kostijiet globali potenzjali se jiġu stmati taħt il-Ftehim BBNJ fi żmien xieraq.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(6)(a) tiegħu,

Wara li kkunsidra il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-kunsens tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi:

- (1) Il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (Ftehim BBNJ) ġie adottat ġewwa New York fid-19 ta' Ġunju 2023.
- (2) F'konformità mad-Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1974 ⁽²⁾, il-Ftehim BBNJ ġie ffirmat fl-20 ta' Settembru 2023, f'isem l-Unjoni, soġġett għall-konklużjoni tiegħu f'data aktar tard.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 68(1), il-Ftehim BBNJ għandu jidħol fis-seħħ 120 jum wara d-data tad-depożitu tas-sittin strument ta' ratifika, approvazzjoni, aċċettazzjoni jew adeżjoni. Il-Ftehim BBNJ huwa miftuħ għall-Istati u l-organizzazzjonijiet reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika kollha. Kwalunkwe strument depożitat minn organizzazzjoni reġjonali għall-integrazzjoni ekonomika ma għandux jingħadd bħala addizzjonali ma' daww depożitati mill-Istati Membri ta' dik l-organizzazzjoni. Il-Ftehim BBNJ huwa miftuħ għal partijiet u mhux partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar (UNCLOS).
- (4) Permezz tad-Deċizzjoni tal-Kunsill 98/392/KE ⁽³⁾, l-Unjoni kkonkludiet l-UNCLOS fir-rigward ta' daww il-kwistjonijiet regolati minnha li għalihom il-kompetenza ġiet ittrasferita lill-Unjoni mill-Istati Membri tagħha.

¹ [ĠU [...], [...], p. [...].]

² Deċizzjoni tal-Kunsill (UE) 2023/1974 tat-18 ta' Settembru 2023 dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim taħt il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar dwar il-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tad-diversità bijoloġika tal-baħar ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (ĠU L 235, 25.9.2023, p. 1-3).

³ Id-Deċizzjoni tal-Kunsill 98/392/KE tat-23 ta' Marzu 1998 li tirrigwarda l-konklużjoni mill-Komunità Ewropea tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Diċembru 1982 dwar il-Liġi tal-Baħar u l-Ftehim tat-28 ta' Lulju 1994 li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Parti XI tiegħu (ĠU L 179, 23.6.1998, p. 1).

- (5) Fil-konklużjonijiet tiegħu tal-20 ta' Lulju 2023 ⁽⁴⁾, il-Kunsill laqa' b'sodisfazzjon l-adozzjoni tal-Ftehim BBNJ u ssottolinja l-impenn tal-Unjoni u tal-Istati Membri tagħha għar-ratifika u l-implimentazzjoni rapidi tal-Ftehim.
- (6) L-oġettiv tal-Ftehim BBNJ huwa li jiżgura l-konservazzjoni u l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, għall-preżent u fit-tul, permezz tal-implimentazzjoni effettiva tad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-UNCLOS u aktar kooperazzjoni u koordinazzjoni internazzjonali.
- (7) Taħt il-Ftehim BBNJ, il-Partijiet għandhom jikkooperaw għall-konservazzjoni u għall-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina ta' żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali, inkluż permezz tat-tiżiħ u t-titjib tal-kooperazzjoni mal-istrumenti u mal-oqfsa fost l-istrumenti u l-oqfsa legali rilevanti u mal-korpi globali, reġjonali, subreġjonali u settorjali rilevanti, u l-promozzjoni tal-kooperazzjoni fosthom, fil-kisba tal-oġettivi ta' dan il-Ftehim.
- (8) Il-Ftehim tal-BBNJ ikopri erba' oqsma: ir-riżorsi ġenetiċi marini inkluż il-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji (il-Parti II tal-Ftehim BBNJ), miżuri bħal għodod ta' ġestjoni abbażi taż-żona, inklużi żoni marini protetti (il-Parti III tal-Ftehim BBNJ), il-valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali (il-Parti IV tal-Ftehim BBNJ), kif ukoll il-bini tal-kapaċità u t-trasferiment tat-teknoloġija marina (il-Parti V tal-Ftehim BBNJ). Il-Ftehim BBNJ se jkompli jappoġġa l-kisba tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-Iżvilupp Sostenibbli, partikolarment l-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli 14 tagħha ("Il-Ħajja Taħt l-Ilma") u jikkontribwixxi biex jintlaħqu l-għanijiet u l-miri tal-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal.
- (9) Il-Ftehim tal-BBNJ huwa konformi mal-oġettivi ambjentali tal-Unjoni kif imsemmi fl-Artikolu 191 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, jiġifieri l-preservazzjoni, il-protezzjoni u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-protezzjoni tas-saħħa tal-bniedem; l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali; u l-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali biex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u partikolarment għall-ġlieda kontra t-tibdil klimatiku.
- (10) Skont l-Artikolu 67(2) tal-Ftehim BBNJ, jenħtieġ li l-Unjoni, fl-istrument ta' approvazzjoni tagħha, tiddikjara l-estent tal-kompetenza tagħha fir-rigward tal-kwistjonijiet regolati mill-Ftehim BBNJ.
- (11) Skont l-Artikolu 70 flimkien mal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim BBNJ, l-Unjoni tista' tagħmel eċċezzjoni għal dan il-Ftehim jekk dik l-eċċezzjoni tkun espressament prevista minn artikoli oħra tal-Ftehim BBNJ. Jenħtieġ li l-Unjoni tagħmel eċċezzjoni biex teskludi kwalunkwe effett retroattiv tal-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Parti II relatati mar-Riżorsi Ġenetiċi Marini, inkluż il-kondiviżjoni ġusta u ekwa tal-benefiċċji.
- (12) Il-Ftehim BBNJ, id-Dikjarazzjoni ta' Kompetenza u l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività skont l-Artikolu 70 flimkien mal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim BBNJ jenħtieġ li jiġu approvati f'isem l-Unjoni,

⁴ Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-prijoritajiet tal-UE fin-Nazzjonijiet Uniti matul it-78 sessjoni tal-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti, Settembru 2023 — Settembru 2024 (ST 11688/23).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Ftehim fil-qafas tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Liġi tal-Baħar fuq il-konservazzjoni u fuq l-użu sostenibbli tal-bijodiversità marina fiż-żoni lil hinn mill-ġurisdizzjoni nazzjonali (“il-Ftehim BBNJ”) bil-preżent qiegħed jiġi adottat f’isem l-Unjoni.

It-test tal-Ftehim BBNJ huwa meħmuż ma’ din id-Deċiżjoni (Anness 1).

Artikolu 2

Id-Dikjarazzjoni ta’ Kompetenza meħtieġa mill-Artikolu 67(2) tal-Ftehim BBNJ, bil-preżent hija approvata.

Id-Dikjarazzjoni ta’ Kompetenza hija meħmuż ma’ din id-Deċiżjoni (Anness 2).

Artikolu 3

L-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività skont l-Artikolu 70 flimkien mal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim BBNJ, bil-preżent hija adottata.

L-Eċċezzjoni skont l-Artikolu 70 flimkien mal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim BBNJ hija meħmuża ma’ din id-Deċiżjoni (Anness 3).

Artikolu 4

Il-Kummissjoni għandha tipproċedi, f’isem l-Unjoni, għad-depożitu tal-istrument ta’ approvazzjoni f’konformità mal-Artikolu 66 tal-Ftehim BBNJ, flimkien mad-Dikjarazzjoni ta’ Kompetenza u l-Eċċezzjoni dwar in-nonretroattività skont l-Artikolu 70 flimkien mal-Artikolu 10(1) tal-Ftehim BBNJ.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data wara dak tal-adozzjoni tagħha.
Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill
Il-President*

